**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 581/2016 MS*

**Marcelle Micallef**

**Vs.**

**Mario Micallef**

Illum, 16 ta’ Frar, 2024

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-15 ta’ Lulju, 2016, li permezz tiegħu wara li ppremettiet dan li ġej:

> Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ sentenza moghtija nhar it-23 ta’ Mejju 1995, mill-Prim’Awla tal-Qorti Civil fl-ismijiet Marcella Micallef f’isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta’ uliedha minuri ottile, Jovanca u Luana ahwa Micallef kif awtorizzata li tipprocedi bid-digriet tas-Sekond Awla numru 325/90 nominata b’digriet ta’ din il-Qorti tat-18 t’April, 1990 vs Mario Micallef (kopja hawn anness u mmarkata **Dokument A**);
>
> Illi skont l-istess sentenza,l-intimat gie kkundannat ihallas lill-martu l-esponenti:

"Bhala manteniment ghaliha kwart ta' dak kollu li huwa jippercepixxi mix-xoghol li huwa jista' jaghmel jew minn kwalsiasi fonti ohra u kwart iehor ihallashom lill-attrici bhala manteniment dovut ghall-ulied minuri; peress illi mir-rizultanzi processwali jidher li l-konvenut bhalissa m'huwiex qieghed jahdem allura ghandu jhallas biss (sakemm jibqa' ma jahdimx) manteniment ta' zewg liri (Lm2) fil-gimgha ghall-attrici personalment u tnax-il lira (Lm 12) fil-gimgha ghall-imsemmija ulied minuri (….omissis)";

Illi minkejja li ghaddew il fuq min ghoxrin sena, l-intimat qatt ma vversa manteniment ghall-esponenti jew ghall-uliedu, u dan minkejja li huwa kien jahdem bi qliegh u li kellu fonti ta' dhul u introjtu dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;

Illi bhala stat ta' fatt l-uniku manteniment illi l-esponenti rceviet tul dawn l-ahhar snin, in segwitu ghall-imsemija sentenza tan-1995, kienet pagament ta' darba fl-ammont ta' €731.62 li hija rceviet minghand is-Sigurta' Socjali, u li skont **Dokument B,** jidher illi huma parti mill-hlas tas-servizzi socjali li kien ippercepixxa l-intimat. Jinghad ukoll illi recentament hija qeda terga' tibda tircievi l-hlas minghand is-servizzi socjali liema huwa minimu;

Illi stante t-trepass ta' iktar minn ghaxar snin, b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2015 **(Dokument C)** wara talba mressqa mir-rikorrenti, u mhux kontestata mill-intimat, is-sentenza fuq citata, giet reza ezegwibbli ai termini tal-Artikolu 258(a) tal-Kap .12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi stante li l-manteniment ma giex likwidat fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sena 1995, l-esponenti kellha tipprosegwi f'din l-istanza sabiex ikun hemm likwidazzjoni tal-manteniment spettanti minnha u dovut mill-intimat;

Illi l-esponenti pprocediet kontra l-intimat b'mandat ta' inibizzjoni numru 720/2016LM **(Dokument D)** sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha billi tinbixxi lill-intimat milli jitrasferixxi l-propjeta' tieghu; liema mandate gie milqugh favur taghha bil-provvediment ta' din il-Onorabbli Qorti data 27 ta' Gunju 2016, u ghalhekk qed tipprocedi b'din l-azzjoni fil-konfront tal-intimat;

ipproċediet biex titlob lil din il-qorti jogħġobha:

(1) Tillikwida x'kien l-introjtu u d-dhul li l-intimat ippercepixxa minn xoghol jew minn kwalsiasi fonti ohra hekk kif ordnat u wara s-sentenza ta' separazzjoni moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u hamsa u disghin (1995), sal-lum;
(2) Tiddikjara li kwart tal-ammont hekk likwidat kellu jigi vversat u imhallas favur ir-rikorrenti bhala manteniment ghaliha;
(3) Tiddikjara li kwart iehor tal-ammont hekk likwidat kellu jigi vversat u imhallas favur ir-rikorrenti bhala manteniment ghat-tliet ulied, sakemm dawn ikunu minuri u fil-kura tar-rikorrenti;
(4) Tikkundanna u tordna lill-intimat ihallas lill-attrici l-ammont hekk likwidati fit-talbiet precedent, flimkien mal-imghaxijiet Legali:

Bl-ispejjez kontra l-intimat, inkluz l-ispejjez tal-Mandat ta' inibizzjoni numru 720/2016LM, li huwa minn issa ingunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentat imressqa mill-konvenut fit-22 ta' Settembru, 2016[1], li biha huwa eċċepixxa:

Illi preliminarjament l-eccipjent jirrileva li dina l-Qorti ma hiex il-Qorti kompetenti sabiex tisma kwistjonijiet li jirrigwardaw manteniment bejn il-konjugi u/jew bejn il-genituri u l-ulied.Intant hijab l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li hija l-forum kompetenti sabiex tisma u tiddeciedi dina l-kawza.

Subbordanament u bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni orderna hija preskritta bid-dekors taz-zmien u dana ai termini ta' l-artikolu 2156 tal-Kapitolu (16) tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bla pregudizju ghall-premess, dina kawza tittratta manteniment li allegatament huwa dovut lir-rikorrenti kif ukoll lil ulied l-kontendenti li huma tlieta, Li illum dawn l-ulied huma maggorenni u ghandhom ukoll -l fuq minn tlettin sena, b'hekk il-gudizzju mhux integru l-kawza ma tistax timxi fuq kwistjonijiet li jirrigwardaw l-interessi ta'dawn l-persuni.

[1] A folio 41.

> Illi l-esponent ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti la ghaliha personalment w anqas ghan-nom tat-tliet uliedhom u dana kif ser jkun ppruvat fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza.
>
> Illi r-rikorrenti kisbet ukoll l-annullament taz-zwieg taghha ill-eccipjent nhar s-19 ta' Dicembru 2012 u ghalhekk d-dritt taghha li tircievi l-manteniment taghha gie ukoll estint per konsegwenza tal-istess annullament.
>
> Illi noltre' r-rikorrenti hija mpjegata fil-Korp tal-Pulizija ghall-snin twal, b'hekk dejjem kellha ntrojtu konsiderevoli sabiex tmantni lillha nnifisha , filwaqt ili l-eccpjent ghamel snin twal ma jahdimx.

3. Rat ix-xiehda miġbura u d-dokumenti eżebiti, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-kontendenti;

5. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi pronunzjata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija azzjoni li permezz tagħha l-attriċi qed titlob li jiġi likwidat dak dovut lilha mill-konvenut skont sentenza definittiva mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Mejju, 1995[2]. Fil-qosor, jirriżulta li l-kontendenti kienu miżżewwġin, iżda sseparaw *de jure* b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Mejju, 1995. Permezz ta' din is-sentenza, u fost provvedimenti oħra, il-konvenut ġie ordnat:

> *«…iħallas lill-attriċi bħala manteniment għaliha kwart ta' dak kollu li huwa jipperċepixxi mix-xogħol li huwa jista' jagħmel jew minn kwalsiasi fonti oħra u kwart ieħor iħallashom lill-attriċi bħala manteniment dovut għall-ulied minuri peress illi mir-riżultanzi proċesswali jidher li l-konvenut bħalissa m'huwiex qiegħed jaħdem allura għandu jħallas biss (sakemm jibqa' ma jaħdimx) manteniment ta' żewġ liri (Lm2) fil-ġimgħa għall-attriċi personalment u tnax-il lira (Lm12) fil-ġimgħa għall-imsemmija ulied*

[2] Kopja eżebita a folio 5.

*minuri, liema ammonti għandhom jiġu dedotti mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali minn kull ammont li jkun ser jitħallas lilu, u jitħallsu direttament lill-istess attriċi…»*

7. Illi l-konvenut jikkontesta t-talbiet tal-attriċi permezz ta' numru t'eċċezzjonijiet, li wħud minnhom huma attinenti għall-meritu tal-kawża, filwaqt li wħud huma ta' natura preliminari u jistgħu jiġu eżaminati qabel il-meritu, u f'kap separat ta' din is-sentenza.

8. Illi huwa xieraq li l-qorti qabel xejn tqis l-eċċezzjoni tal-konvenut li din il-qorti m'hijiex kompetenti *rationae materiae* sabiex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża, billi l-qorti kompetenti hija l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

Ikkunsidrat:

9. Illi skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili[3], il-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija waħda residwa, fis-sens illi tikkomprendi dawk il-materji kollha li ma jkunux ġew espressament assenjati lil xi sezzjoni oħra tal-Qorti Ċivili. Issa skont l-artikolu 4 tal-Ordni preċitat:

> Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':
>
> (a) it-Titoli I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;
> (b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;
> (ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;
> (d) l-Att dwar iż-Żwieġ; u
> (e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.

10. Illi għandu jkun paċifiku li kwistjonijiet dwar manteniment bejn miżżewwġin u manteniment dovut minn axxendent lil dixxendent jaqgħu fl-Ewwel Titolu tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili.

11. B'danakollu, l-azzjoni tal-attriċi m'hijiex waħda għall-fissazzjoni ta' manteniment iżda għal-likwidazzjoni ta' manteniment li diġà ġie kanonizzat b'sentenza definittiva. Ġie

[3] Avviż Legali 396/2003, kif sussegwentement emendat (LS12.19).

ritenut fid-deċiżjoni ***Anne Marie Galea Naudi vs. Juan Carlos Galea Naudi*** (Appell Inferjuri, 3/10/2008) li:

> Oġġettivament, it-talba attriċi ma tintroduċix fil-proċess ebda tema li għandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li għadha in corso, bħal ma hekk kien il-każ deċiż minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re: "**Agostino Farrugia -vs- Salvina Farrugia**", u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bażi għaċ-ċirkostanzi speċjali ta' dak l-istess każ, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deċiża mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn is-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet ġja definita u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni intentata kien biss u sempliċiment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-ħlas ta' nofs l-ispiża inkorsa. Fil-prattika jiġri dejjem, sija fil-presenza ta' ġudikat jew ta' kuntratt, ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l-oħra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Għal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda għal varjazzjoni jew kanċellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, iżda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jagħmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-każ preżenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi qorti oħra. L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza qegħda, għaldaqstant, tiġi riġettata

12. Illi kwistjoni simili kienet ukoll sollevata fil-kawża ***Carmel sive Charles Farrugia vs. Mariella Azzopardi*** (Prim'Awla, 6/10/2011) fejn ġie osservat dan li ġej:

> Din il-Qorti ħasbet dwar dan fit-tul. Hu minnu illi l-kwistjoni quddiemha jitratta dwar kwistjoni familjari ċioe nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti, separati, kif ġia ingħad b'kuntratt pubbliku. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi kull vertenza sempliċement għax hi vertenza bejn il-koppja bil-fors tmur quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) hi vestita b'kompetenza speċifika limitata u kif kien qabel, hi l-Qorti Ċivili Prim'Awla li hi vestita bil-kompetenza li tisma' l-kawżi kollha li ma jaqgħux fil-parametri speċifiċi tal-Qorti tal-Familja, jew il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.
>
> Ħarsa lejn it-talba attriċi ma tirrigwardax vertenza ta' separazzjoni in corso li bla dubbju kienet tinkwadra ruħha fil-poteri u mansjonijiet tal-Qorti tal-Familja. Każ tipiku ġie mistħarreġ mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża fl-

ismijiet **Agostino Farrugia vs Salvina Farrugia** (9.02.2005).

Il-każ quddiem din il-Qorti hu differenti. Il-partijiet anzi l-attur mhux qed jittanta jbiddel dak miftiehem bil-kuntratt tas-separazzjoni li illum hu liġi bejn il-partijiet. Mhux jattakka la l-manteniment dovut lil martu jew tal-wlied minuri u anqas il-klawsola fejn hu obbligat iħallas nofs l-ispejjeż edukattivi u anċillari kif jirriżulta mill-istess kuntratt. Ma hemm ebda nuqqas ta' qbil kif irid l-artikolu 9 tal-iskeda għall-Avviż Legali 397/2003 li minnu toħroġ il-proposta konsegwenzjali da parti tal-attur li għandu jiġi mibdul jew imneħħi xi vinkolu li ntrabat fih fil-kuntratt ta' separazzjoni.

13. B'analoġija mal-każ li għandha quddiemha l-qorti llum, issir riferenza għall-każ ***Marthese sive Merthis Roper ġja Portelli vs. Antoine Portelli***, li kien deċiż finalment mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-31 ta' Mejju, 2023. Il-kontendenti kienu infirdu b'sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, li permezz tagħha ġie riservat favur l-attriċi ammont li kellu jiġi eventwalment konsegwit mill-konvenut. B'kawża sussegwenti, l-attriċi talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas dak riservat favur tagħha fis-sentenza preċedenti. Peress illi qamet il-kwistjoni dwar liema qorti hija kompetenti biex tisma' u taqta' t-tieni kawża, il-kwistjoni ġiet riferuta lis-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim'Imħallef skont l-artikolu 8 tal-Ordni fuq ċitat, li b'dikriet kamerali tal-5 ta' Mejju, 2021, qies li l-kompetenza f'każ bħal dak hija ta' din il-qorti.

14. Hekk ukoll fil-każ odjern l-attriċi qiegħda biss titlob il-konsegwiment ta' dak li ġie kanonizzat favur tagħha b'sentenza mogħtija preċedentement. Il-fatt li l-konvenut, fis-sitt eċċezzjoni tiegħu, jipprova jqajjem kwistjonijiet dwar id-dritt tal-attriċi li tippretendi manteniment mingħandu u l-kapaċità tiegħu li jħallas dan il-manteniment ma jwassalx għas-sottrazzjoni ta' din il-kawża mill-kompetenza ta' din il-qorti. Wara kollox hija regola ġenerali li l-kompetenza tiġi determinata abbażi tal-parametri u tat-talbiet magħmula fl-att promotur tal-kawża[4]. Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li qorti li tkun inizjalment kompetenti ma tibqax kompetenti minħabba d-difiża mqajma mill-konvenut[5]. Din il-qorti ma jidhrilix li l-każ odjern huwa wieħed minn dawk l-

[4] ***Edmund Mifsud vs. Doris Micallef*** (Appell Superjuri, 12/2/2016).
[5] Ara għal riassunt tal-pożizzjoni legali fir-rigward id-deċiżjoni ***Maresco (Trading) Limited vs. San Lawrenz Leisure Resort Limited*** (Appell Inferjuri, 22/3/2006).

eċċezzjonijiet, anki għaliex fuq kollox l-attriċi qed titlob biss dak spettanti lilha skont deċiżjoni definittiva, u l-konvenut huwa eskluż milli jqanqal mill-ġdid kwistjonijiet li jidderimu l-materji deċiżi jew assorbiti f'dik id-deċiżjoni definittiva.

15. Għalhekk l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza hija miċħuda.

Ikkunsidrat:

16. Illi l-konvenut jeċċepixxi ukoll il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili.

17. Din il-qorti jidhrilha li din il-preskrizzjoni m'hijiex applikabbli għall-azzjoni tal-attriċi. Kif diġà ġie osservat fil-konsiderazzjonijiet żvolti dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza, l-azzjoni attriċi hija waħda għall-konsegwiment ta' jeddijiet li ġew kanonizzati favur tagħha permezz ta' ġudikat. Din l-azzjoni hija fid-duttrina legali msejħa *actio judicati*. Ġie maġistralment spjegat kif ġej:

> Se invece la domanda è *accolta*, nasce dalla sentenza un'azione speciale, detta *actio judicati*, con la quale si promuove l'esecuzione della sentenza stessa. Siffatta azione si prescrive soltanto col decorso del termine ordinario di trent'anni, sebbene l'azione primitiva, ossia quella sopra di cui la sentenza ebbe a statuire, andasse soggetta ad una prescrizione speciale più breve.
>
> …
>
> Come il giudicato costituisce un nuovo rapporto di diritto, diverso da quello che fu la causa del giudizio e della sentenza, cosi dalla sentenza nasce un'azione nuova, diversa da quella primitiva che ha dato origine al giudizio; nè quest'azione ritrae più del carattere (civile o commerciale, ordinario o speciale), che era proprio dell'azione primitiva, ma è un'azione di diritto *comune*, e, come tale, soggetta soltanto alla prescrizione ordinaria, in difetto di un testo espresso di legge che l'assoggetti a una prescrizione speciale.[6]

18. Huwa wkoll tal-istess fehma ***Mortara***, li kiteb hekk: «*Data la distinzione dianzi riconosciuta fra azione di dichiarazione e azione di esecuzione, non può rimanere*

[6] ***Mattirolo***, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (1905), Vol.V, §5, 7.

*incerto che la prescrizione dell'azione di esecuzione nascente da una sentenza sia sempre la trentennale. Ciò che le leggi colpiscono di estinzione per effetto del tempo trascorso è l'azione, cioè il diritto di spiegare una pretesa innanzi agli organi della podestà giurisdizionale. La pretesa di possedere un diritto derivante da un raporto giuridico materiale, civile o commerciale, o rispettivamente di una delle varie specie comprese nelle due categorie, si converte in diritto irrevocabilmente convalidato per virtù della sentenza che la riconosce. Dopo tale sentenza (quella emessa in sede di cognizione) non vi è più* una pretesa *da spiegare per quell'oggetto. Quindi di prescrizione non è più il caso di parlare*»[7].

19. Illi l-pożizzjoni legali hija l-istess anki fil-ġurisprudenza lokali. Fid-deċiżjoni ***Notaro George Domenico Page no. vs. Dr Alfredo Naudi no.*** (Kummerċ, 27/5/1893)[8] intqal: «*Che, pertanto la sentenza del 29 maggio 1888, anche in riguardo al detto Richard Ciantar produsse novazione, converti la primitiva azione cambiaria nell'azione judicati*». Fid-deċiżjoni ***Maria Darmanin vs. Nicola Agostino*** (Appell Superjuri, 5/3/1920)[9] ġie deċiż li azzjoni li tkun ġejja minn sentenza hija soġġetta għall-preskrizzjoni estintiva trentennali. Ġie wkoll deċiż li dan l-istess prinċipju huwa saħansitra applikabbli għal azzjoni li ġejja minn tranżazzjoni, peress li l-liġi tipparifika t-tranżazzjoni ma' sentenza (ara f'dan is-sens ***Carmelo Cassar vs. Carmelo Morana***, Kummerċ, 9/11/1950)[10].

20. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jisħaq li għandha ssir distinzjoni bejn l-ammont li, fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Mejju 1995, huwa ġie kkundannat iħallas, u dawk l-ammonti li min-naħa l-oħra ma ġew qatt likwidati. Iżda d-distinzjoni li jrid jagħmel il-konvenut ma tirriżultax sostnuta mid-dritt. Kemm hu hekk, ġie drabi oħra deċiż li jitqies kanonizzat mhux biss dak li jiġi kkundannat li jkun imħallas, imma anki dak li jiġi sempliċiment dikjarat dovut bħala dritt - «*Che le parole* canonizzato il credito*, adoperate nell'art. 333 delle detti leggi, riguardano non solamente il caso di condanna al pagamento, ma anche di una dichiarazione di un diritto, a senso delle*

---

[7] Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile (2ª edizione), Vol.II, §442. Ara wkoll ***Pugliese***, Trattato della Prescrizione Estintiva (1892), §151.
[8] Kollezz. Vol.XIII.498.
[9] Kollezz. Vol.XXIV.i.424.
[10] Kollezz. Vol.XXXIV.iii.900.

*leggi citate dal Pothier nelle Pandette, Lib. 5, tit. 16, § 63*»[11]. Fl-istess sens kienet ukoll id-deċiżjoni diġà ċitata, ***Darmanin vs. Agostino***. Hija wkoll partikolarment rilevanti għall-każ tagħna d-deċiżjoni ***Vincenza Grech et vs. AIC Gustavo Vincenti*** (Prim'Awla, 7/1/1943)[12] fejn ġie osservat:

> Illi indipendentement mill-kwistjoni liema kienet tkun il-preskrizzjoni applikabili għall-każ preżenti, fil-każ preżenti bis-sentenza ta' dina l-Qorti tat-12 ta' Marzu 1938 ġie dikjarat il-konvenut responsabili tad-danni għall-ispoll illi kkommetta, u għalhekk il-preskrizzjoni applikabili hija dik ta' tletin sena, peress illi b'sentenza ġie dikjarat il-konvenut responsabili għar-riżarċiment tad-danni versu l-atturi. Bil-kawża preżenti l-atturi qegħdin jitolbu li jiġu likwidati dawn id-danni u l-konvenut jiġi kkundannat li jħallashom.

21. Hekk ukoll fil-każ odjern, il-konvenut b'sentenza ta' din il-qorti, kif diversament presjeduta, tat-23 ta' Mejju 1995 ġie ordnat iħallas manteniment lill-attriċi u b'dan il-ġudizzju, qiegħed jintalab il-likwidazzjoni tal-ammont dovut.

22. Għalhekk il-preskrizzjoni eċċepita mhux applikabbli u l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

23. F'kull każ, la darba l-kontendenti huma konjuġi u ż-żwieġ tagħhom ġie reġistrat mill-Qorti tal-Appell bħala null biss fil-mori tal-kawża, l-preskrizzjoni xorta waħda ma tiddekorrix b'effett tal-artikolu 2128(a) tal-Kodiċi Ċivili. Sospensjoni li tapplika bejn il-konjuġi anki meta jkunu separati *de jure* (ara f'dan is-sens ***Mario Micallef vs. Sandra Micallef Gravino***, Appell Superjuri, 29/5/2015). Għalhekk ukoll din l-eċċezzjoni ma tistax tkun fondata.

Ikkunsidrat:

24. Illi bit-tielet eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut isostni li l-ġudizzju propost mill-attriċi permezz ta' din il-kawża m'huwiex integru, billi ulied il-kontendenti, li fil-frattemp saru maġġorenni, m'humiex atturi wkoll f'din il-kawża. Fin-nota ta' sottomissjonijiet

[11] ***Negoziante Rosario Bezzina vs. Nicola Mamo et***, Appell Superjuri, 29/10/1869 – Kollezz. Vol.V.196.
[12] Kollezz. Vol.XXXI.ii.89.

tiegħu, il-konvenut saħaq illi parti mill-kreditu li dwaru qed titlob ħlas l-attriċi imiss lill-ulied, u li huwa biss dritt tagħhom li jeżiġu l-ħlas tiegħu.

25. Illi huwa minnu li parti mill-manteniment li tiegħu qed jintalab likwidazzjoni f'din il-kawża ġie akkordat fis-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 "għall-ulied". Is-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 ingħatat wara ċ-ċitazzjoni bin-numru 360/1990 fl-ismijiet "Marcelle Micallef f'isimha propju u bħala kuratriċi ad litem ta' uliedha minuri Ottile, Jovanca, u Luana, aħwa Micallef kif awtorizzata li tipproċedi bid-digriet tas-Sekond'Awla numru 325/90 nominata b'digriet ta' din il-Qorti tat-18 t'April, 1990 vs. Mario Micallef". Huwa minnu għalhekk, kif jgħid il-konvenut, li l-attriċi f'dik il-kawża pproċediet kemm f'isimha proprju u kemm f'isem uliedha.

26. Illi fil-fehma ta' din il-qorti, d-deċiżjoni dwar jekk il-ġudizzju f'din il-kawża huwiex tassew integru jew le, tiddependi minn jekk il-kreditu kanonizzat permezz tas-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 ġiex kanonizzat favur l-attriċi, jew favur l-ulied. Qari tal-parti operattiva tas-sentenza in kwistjoni turi bl-aktar mod ċar li l-ammont li l-konvenut ġie obbligat li jħallas ġie ddikjarat hekk dovut favur l-attriċi stess – kemm hu hekk, l-ulied jissemmew biss bħala r-raġuni għal parti mill-manteniment li kien qed jiġi akkordat favur l-attriċi.

27. Illi s-sottomissjonijiet li l-konvenut jagħmel biex isostni din l-eċċezzjoni huma lkoll malkonċepiti, billi jitilqu minn punt ta' tluq żbaljat, u ċjoè li l-manteniment dovut minn ġenitur lill-ġenitur ieħor għall-ulied huwa kreditu tal-ulied. Dan m'huwiex il-każ, billi dak il-manteniment ikun effettivament qiegħed jitħallas lill-ġenitur li jkollu l-kustodja tal-ulied b'titolu ta' kontribuzzjoni għall-bżonnijiet finanzjarji li dawk l-ulied ikollhom u li jkunu qed jiġu sopportati mill-ġenitur affidat bil-kustodja tagħhom. Hekk iddeċidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Emanuela Pace pro et noe vs. Antonio Pace*** (31/10/1979) meta osservat: «*Kieku l-azjoni kellha tiġi kkunsidrata biss fuq din il-bażi l-attriċi kienet tkun tista' titlob il-manteniment tagħha u tat-tifla Maria (Concetta) biss u għat-tifla biss jekk tidħol fiċ-ċitazjoni. Iżda il-Qorti tħossha konvinta mill-argument tad-difensur ta' l-attriċi li l-attriċi setgħet titlob il-manteniment <u>kontrattwali</u> promess lilha għaliha nnifisha u għat-tfal minuri (li l-konvenut ħallilha bil-kuntratt il-kura u kustodja tagħhom) <u>anke f'isimha proprju,</u> għax hi kienet qegħda tmantnihom u*

*żżommhom*». Konsiderazzjoni li tapplika anki fejn il-manteniment ikun dovut permezz ta' sentenza, minflok kuntratt.

28. Illi dan il-ħsieb huwa fortifikat mill-fatt li, anki wara l-emendi magħmula bl-Att XIV tal-2011 dwar l-obbligu tal-ġenituri li jmantnu lill-ulied wara l-età ta' tmintax-il sena u l-kondizzjonijiet li jiċċirkoskrivu dak l-obbligu, kien hemm numru ta' deċiżjonijiet li jistabbilixxu li l-manteniment għall-ulied li, anki jekk jilħqu l-età maġġorenni, ikunu għadhom jgħixu ma' ġenitur wieħed, jibqa' perċepibbli minn dak il-ġenitur. Fid-deċiżjoni ***Giovanna sive Jane Bianco vs. Carmelo Bianco***[13], ġie aċċettat illi l-parti li magħha kienu jirrisjedu l-ulied tibqa' tipperċepixxi l-manteniment għall-istess ulied anke wara li dawn jilħqu l-eta' maġġorenni. Fid-deċiżjoni ***Nathalie Saliba vs. Arthur Saliba***[14], il-Qorti tal-Appell ħadet pożizzjoni simili. Aktar riċentement, fid-deċiżjoni ***Antoine Portelli vs. Marthese sive Merthis Portelli*** (Appell Superjuri, 31/5/2019) ittieħdet pożizzjoni simili meta ntqal: «*Kif qalet l-ewwel Qorti huwa għalhekk evidenti li ladarba l-ulied ikunu qed jgħixu ma' xi ħadd mill-ġenituri dak il-ġenitur għandu jirċievi l-manteniment għalihom*».

29. U la darba dan jgħodd fejn l-ulied ikunu laħqu l-età maġġuri, bil-wisq iktar jgħodd u japplika għaż-żmien li fih l-ulied ikunu minuri.

30. Għalhekk kull ammont kanonizzat bħala manteniment permezz tas-sentenza tat-23 ta' Mejju, 1995, huwa dovut lill-attriċi, irrispettivament minn jekk il-*causa* ta' dak il-manteniment huwiex il-bżonn tal-attriċi jew il-bżonn tal-ulied. Isegwi allura li l-ġudizzju huwa integru, u anki din l-eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi riġettata.

Ikkunsidrat:

31. Illi l-konvenut jeċċepixxi wkoll li ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi ġie annullat b'deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru, 2012, u konsegwentement id-dritt tagħha għall-ħlas ta' manteniment ġie estint b'konsegwenza ta' dak l-annullament.

---

[13] Appell Superjuri, 25/10/2013.
[14] Appell Superjuri, 28/6/2013.

32. Illi mill-atti jirriżulta li ż-żwieġ tal-kontendenti ġie dikjarat null b'deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta fid-19 ta' Diċembru 2012[15], u kkonfermata b'dikriet ta' ratifika tat-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza fit-23 t'Awwissu 2013. Ir-raġuni mogħtija għall-annullament kienet l-inabilità tal-konvenut li jassumi obbligi matrimonjali. Din id-deċiżjoni ġiet reġistrata wara dikriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Jannar 2022[16].

33. Illi l-konvenut jargumenta li bl-annullament taż-żwieġ tiegħu mal-attriċi, ġie estint kull dritt tal-attriċi li teżiġi l-ħlas tal-manteniment, billi l-manteniment huwa dovut lilha bis-saħħa ta' żwieġ li issa m'għadux jeżisti.

34. Dan l-argument tal-konvenut huwa ħażin għal bosta raġunijiet.

35. Fl-ewwel lok, mhux minnu li l-manteniment li tiegħu l-attriċi qed titlob il-likwidazzjoni f'din il-kawża huwa kollu dovut lilha bis-saħħa taż-żwieġ li ġie annullat. Parti minn dak il-manteniment huwa dovut bis-saħħa tal-fatt li l-konvenut huwa ġenitur ta' tliet ulied li kellu mal-attriċi, u l-ebda deċiżjoni t'annullament ma tista' taffettwa l-obbligu tiegħu li jivversa l-manteniment dovut minnu bħala ġenitur ta' dawk l-ulied.

36. Fit-tieni lok, u fir-rigward ta' dak il-manteniment li s-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 akkordat lill-attriċi għaliha stess, huwa minnu li l-annullament taż-żwieġ jista', fiċ-ċirkostanzi kongruwi, ikollu l-effetti tiegħu. Però dawk l-effetti huma regolati mill-artikolu 20 tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kapitolu 255 tal-liġijiet ta' Malta), li jipprovdi dan li ġej:

> 20.(1) Jekk żwieġ ikun dikjarat null l-effetti ta' żwieġ validu għandhom jitqiesu li kienu jeżistu, favur il-miżżewġin sakemm is-sentenza ta' nullità tkun saret res judicata meta l-miżżewġin ikunu żżewġu in bona fide.
> (2) L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenza ta' nullità.

[15] Ara folio 779.
[16] Ara folio 696.

> (3) Jekk waħda biss mill-partijiet kienet in bona fide dawk l-effetti japplikaw favur tagħha u favur l-ulied.
> (4) Jekk ebda waħda mill-partijiet ma kienet in bona fide l-effetti ta' żwieġ validu għandhom japplikaw biss favur l-ulied li jitwieldu jew konċepiti matul iż-żwieġ dikjarat null.
> (5) Minkejja kull dispożizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien.

37. Illi din id-dispożizzjoni tirregola l-effetti tal-hekk imsejjaħ «żwieġ putattiv». Fid-deċiżjoni ***Maryrose Tabone vs. Anthony Stellini*** (Qorti tal-Familja, 31/1/2008) ġie osservat dan li ġej:

> Illi in tema legali jiġi osservat li l-kunċett ta' żwieġ putattiv ġie introdott fis-sistema ġuridiku nostrali bl-Att numru XXXIV tas-sena 1981[17] li ssostitwixxa l-artikolu 20 kif kien viġenti f' dak iż-żmien; u dana bħala eċċezzjoni għall-prinċipju li "quod nullum est, nullum producit effectum" u huwa primarjament intiż sabiex jikkawtela d-drittijiet tat-tfal li jkunu twieldu fi żwieġ li sussegwentement jiġi dikjarat null; iżda mhux biss, għax permezz ta' dan l-artikolu l-leġislatur ried ukoll jikkawtela l-effetti ċivili tal-konjuġi li jkunu, jew tal-konjuġi li jkun, in buona fede. L-iskop tal-leġislatur f' dan ir-rigward jirriżulta ċar minn qari tad-disposizzjoni tal-liġi, u jsib konfort qawwi fid-diskussjonijiet li saru meta din il-liġi kienet qeda tiġi diskussa fil-Parliament.
>
> In propositu, il-Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien qal, inter alia hekk: "U allura hawnhekk qed noħolqu effetti ċivili għal dak iż-żwieġ li jkun ġie annullat u jissejjaħ żwieġ putattiv. It-tfal jibqgħu dejjem ikkunsidrati leġittimi .. [omissis].. Barra minnhekk, qedin nieħdu ħsieb li sakemm ikun hemm iż-żwieġ għadu ma ġiex annullat, dak il-perijodu għandu, għall-aspett ċivili, jitqies li ż-żwieġ eżista. Jiġifieri dawk li huma drittijiet, per eżempju …." u l-Onorevoli Ministru jkompli biex jgħati eżempji dwar <u>id-drittijiet patrimonjali</u> tal-konjuġi; u jisħaq fuq il-fatt li, bejn il-konjuġi, il-liġi hija ntiża biex tipproteġġi dak il-konjuġi li jkun in buona fede, kontra l-mala fede tal-konjuġi l-ieħor, distinzjoni li nsibuha fil-liġi Taljana; u aktar il-quddiem fid-

[17] Dan aktarx mhux preċiż, billi qabel il-promulgazzjoni tal-Att XXXIV tal-1981, jidher li kien hemm istanzi fil-ġurisprudenza tagħna fejn ġew applikati l-effetti taż-żwieġ putattiv. Issir riferenza għad-deċiżjoni ***Avv. Dr. Edgar Grima ne vs. Baruni Joseph Chapelle et*** (Prim'Awla, 8/10/1945 – Kollezz. Vol.XXXII.ii.160).

diskors tiegħu isemmi prorpju l-każ ta' esklużjoni posittiva bħala eżempju ta' mala fede da parti tal-konjuġi.

Mill-premess jirriżulta ċar li, kuntrarjament għal dak ssottomess mill-konvenut, l-artikolu 20 ma jirrigwardax biss l-istatus tal-konjuġi u ta' uliedhom wara l-annullament taż-żwieġ, iżda jirrigwarda wkoll l-effetti ċivili patrimonjali tal-konjuġi. Dan jirriżulta ċar ukoll mill-kontenut tas-subinċiż [5] li jimponi fuq il-konjuġi li jkun responsabbli għall-annullament taż-żwieġ, l-obbligu li jmantni għal perijodu kwinkwennali, lill-konjuġi l-ieħor li jkun in buona fede. Inoltre *quod lex voluit lex dixit*; u l-liġi tgħid biss "effetti ċivili" mingħajr distinzjoni u għalhekk tapplika l-massima legali li *quod lex non distinguere nec non distinguere debemus*.

Illi minn qari tad-disposizzjoni in disamina, jirriżulta manifest li l-kriterju, jew aħjar l-ingredjent, prinċipali sabiex jissussisti ż-żwieġ putattiv, bejn il-konjugi, huwa l-eżistenza tal-buona fede da parti taż-żewġ konjuġi jew da parti ta' wieħed biss. Fl-ewwel każ l-effetti patrimonjali ta' żwieġ ċivili "jitqiesu li kienu jeżistu favur il-miżżewwġin sakemm is-sentenza ta' nullita' tkun saret *res judicata..*", filwaqt li fit-tieni każ, dawn l-effetti jissussistu biss favur il-konjuġi in buona fede.

38. Illi għalhekk l-effetti taż-żwieġ putattiv favur l-attriċi baqgħu iseħħu kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li hija kienet *in mala fede* f'dak li jirrigwarda l-kontrattazzjoni taż-żwieġ tagħha mal-konvenut. *Mala fede* li madanakollu ma ġiet imkien riskontrata fid-deċiżjoni li biha ż-żwieġ ġie annullat. Isegwi għalhekk li l-attriċi tassew għandha tibbenefika mill-effetti taż-żwieġ putattiv.

39. Issa l-ħames subinċiż tal-artikolu 20, fuq ċitat, jiċċirkoskrivi d-dritt tal-konjugi li jkun *in buona fede* għal manteniment għaż-żmien ta' ħames snin u dan minkejja kull disposizzjoni oħra. L-applikazzjoni ta' dan il-ħames subinċiż jissolleva żewġ kwistjonijiet oħra, u ċjoè (i) minn meta jibdew jiddekorru l-ħames snin imsemmija f'din id-dispożizzjoni; u (ii) jekk din id-dispożizzjoni tolqotx sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat.

40. Illi fir-rigward tal-ewwel kweżit, huwa evidenti fil-fehma ta' din il-qorti li l-perjodu ta' ħames snin jibda għaddej minn meta d-deċiżjoni li biha ż-żwieġ ikun ġie annullat tkun għaddiet in ġudikat. Fl-ewwel subinċiż tal-artikolu 20 jingħad li fejn il-konjuġi jkunu

*in buona fede*, l-effetti taż-żwieġ jitqiesu li kienu jeżistu sa dakinhar li d-deċiżjoni tal-annullament taż-żwieġ tkun għaddiet in ġudikat. Għalhekk huwa naturali li l-ħames snin imsemmija fl-artikolu 20(5) jibdew għaddejjin minn dakinhar.

41. Illi fejn id-deċiżjoni li biha jkun annullat iż-żwieġ tkun mogħtija minn tribunal ekkleżjastiku, kif kien il-każ hawnhekk, japplika l-artikolu 23 tal-istess Att. Din id-dispożizzjoni tgħid: «*Deċiżjoni li tkun saret eżekuttiva, mogħtija minn tribunal, u li tiddikjara n-nullità ta' żwieġ kattoliku għandha, meta parti waħda tkun domiċiljata Malta jew tkun ċittadin ta' Malta, u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 24, tiġi rikonoxxuta u mar-reġistrazzjoni tagħha skont l-imsemmi artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet deċiżjoni minn qorti u li tkun saret res judicata*». Huwa ċar li din id-deċiżjoni mogħtija minn tribunal għandha tiġi rikonoxxuta u **<u>mar-reġistrazzjoni tagħha</u>** skont l-artikolu 24 ikollha effett daqslikieku kienet deċiżjoni minn qorti li tkun għaddiet in ġudikat. Għalhekk hija r-reġistrazzjoni li tipparifika d-deċiżjoni tat-tribunal ma' deċiżjoni finali tal-qorti, u dik ir-reġistrazzjoni saret biss fl-10 ta' Jannar, 2022. Konformement ma' din il-fehma, intqal fid-deċiżjoni ***Annunziata sive Nancy Bongailas vs. Joseph Bongailas*** li: «*Sentenza ssir res judicata meta dina tista' tiġi reża eżegwibbli mill-parti. Sentenza tas-Sacra Rota mhiex eżegwibbli awtomatikament, imma trid tiġi reġistrata mal-Qorti ta' l-Appell*»[18].

42. Għalhekk il-perjodu ta' ħames snin beda għaddej biss minn dakinhar.

43. Illi fir-rigward tat-tieni kweżit, u ċjoè jekk il-fatt li l-konjuġi li tkun *in bona fidei* jkollha sentenza finali li tagħtiha jedd għall-manteniment tidderogax mill-effetti tal-artikolu 20(5) tal-Att dwar iż-Żwieġ. Il-fehma ta' din il-qorti hija li ma jkun hemm ebda deroga bħal dik. Dan ifisser illi anki fejn il-konjuġi *in bona fidei*, bħall-attriċi, jkollha sentenza finali li tagħtiha l-jedd li tirċievi l-manteniment mingħajr ebda limitazzjoni ta' żmien, u wara dik is-sentenza jiġi annullat iż-żwieġ, dak id-dritt għal manteniment jiġi ċirkoskritt għall-perjodu ta' ħames snin.

44. Illi l-qorti qed tasal għal din il-konklużjoni abbażi ta' żewġ konsiderazzjonijiet. L-ewwel waħda hi li l-artikolu 20(5) huwa magħmul applikabbli <u>minkejja kull</u>

[18] Prim'Awla, 19/10/2001.

dispożizzjoni oħra, u ċjoè l-effetti tiegħu huma magħmula jipprevalu fuq kull liġi oħra. Fit-tieni lok, l-artikolu 36(2) tal-istess Att jipprovdi li: «*Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha - ... (b) tolqot it-tkomplija fis-seħħ ta' sentenza li jkollha effett f'Malta li tkun res judicata fil-15 jew qabel il-15 ta'Lulju, 1975*». Il-liġi, filwaqt li ssalva mill-effetti tagħha kull sentenza mogħtija qabel iż-żmien indikat, ma testendiex l-istess benefiċċju lil sentenzi mogħtija wara, u għalhekk huwa ċar li ma riditx issalva wkoll mill-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iż-Żwieġ anki dawk is-sentenzi mogħtija sussegwentement għal din id-data.

45. Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-jedd ta' manteniment tal-attriċi ġie estint qed tiġi miċħuda, b'dan illi qed jiġi puntwalizzat li dak il-jedd ta' manteniment dovut lill-attriċi għaliha nnifisha se jkun estint fid-9 ta' Jannar 2027.

Ikkunsidrat:

46. Illi jmiss issa li jiġu kkunsidrati t-talbiet tal-attriċi fil-meritu. Iżda qabel il-qorti ma tinoltra ruħha f'dan l-aspett tal-kawża, jidhrilha opportun li jiġi puntwalizzat mill-ġdid li d-dibattitu li huwa miftuħ għall-kontendenti f'dawn il-proċeduri ma jikkomprendix dawk il-kwistjonijiet li diġà ġew deċiżi permezz tas-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995. Li l-konvenut huwa obbligat iħallas manteniment, u kemm għandu jkun dak il-manteniment, huma materji li ġew deċiżi b'mod definittiv permezz tas-sentenza preċitata, u issa mhux leċitu li dawn l-istess materji jerġgħu jiġu miftuħin u diskussi mill-ġdid f'din il-kawża. Ġie ritenut: «*Illi kwalunkwe argumentazzjoni kontrarja ta' l-atturi hija bil-fors, fuq dana l-pont, inkompatibbli mal-ġudikat, ħaġa li m'hiex legali. Qalet il-Qorti ta' Torin fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Awissu 1891 "Zunino versus Figari" (Coen: voce "Cosa Giudicata" – Materia Civile - § 146) : "Passata in giudicato la sentenza, non sono più ammissibili nuove eccezioni che mirino a distruggere o restringere il giudicato : la regola 'tantum judicatum quantum discussum' procede tanto nel senso che dopo il giudicato si possono proporre, discutere, ed ammettere eccezioni nuove che col giudicato sono conciliabili"... Illi b'dina l-kawża l-atturi qegħdin jippruvaw ibiddlu f'forma oħra dak li kien diġà stabbilit mill-Qorti tal-Appell : ħaġa li mhix lanqas legali. Il-Qorti ta' Genova fis-sentenza tal-15 ta' Frar 1892 "Ricca versus Sant'Agata" (idem § 152) qalet : "È stabilita la cosa giudicata nascente da un precedente giudicato intervenuta tra le stesse parti e relativamente alla stessa*

*'causa petendi', quando il magistrato, vagliatolo alla stregua dell'antico insegnamento 'tantum decisum quantum disputatum', trovi che, sotto pretesto di nuove eccezioni, si tenti di riaprire o riaccendere una discussione diventata irretrattabile*»[19]. L-effetti talġudikat mhux limitati biss għal dawk il-kawżi li fihom isiru l-istess talbiet li jkunu diġà ġew deċiżi, imma wkoll għal dawk il-kawżi li jipproponu *ratio petendi* li jkun inkonsistenti ma' *ratio petendi* ta' deċiżjoni definittiva oħra, kif sewwa osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Carmelo Camilleri vs. Enrico Frendo***[20]. Rilevanti wkoll dak ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ġunju 1965 filkawża ***Anni Cuschieri et vs. Paolo Vella noe***[21], u ċjoè li: «… *l-ġudikati preċedenti u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet għandhom jiġu meħuda bħala deċiżivi għax għall-partijiet jagħmlu stat definittiv*».

47. Isegwi mill-premess għalhekk li din il-qorti mhux se tqis dawk id-deduzzjonijiet, u l-provi li saru in sostenn tal-istess deduzzjonijiet, intiżi sabiex jindirizzaw kwistjonijiet li huma deċiżi b'mod definittiv bis-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995. Tassew li, f'materji ta' separazzjoni personali, hemm deroga għall-prinċipju ġenerali dwar il-finalità talġudikat, u dan bis-saħħa tal-artikolu 10(1)(ċ) tal-Avviż Legali 397/2003, kif emendat. Però dik id-derogabilità tinneċessita l-adeżjoni mal-proċedura hemmhekk preskritta, u la darba l-konvenut naqas milli jimxi kif trid il-liġi, ma jistax issa jiddisturba l-effetti tas-sentenza msemmija permezz ta' eċċezzjoni f'din il-kawża. Fid-deċiżjoni ***Marianna Gauci vs. Nazzareno Gauci ne*** (Appell Superjuri, 8/1/1965)[22] kien diġà ġie ritenut li: «*Għad illi hu veru illi s-sentenzi li jakkordaw alimenti dovuti "ex lege", jistgħu, jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi, jiġu modifikati jew mħassra, dan jgħodd* ***għal quddiem****, talvolta mill-ġurnata tad-domanda għal dik il-modifika jew revoka, u* ***jista' jsir bis-saħħa ta' sentenza oħra.*** *F'dan is-sens is-sentenzi ta' l-alimenti ma jikkostitwux "res judicata" bejn il-partijiet. Iżda ma jfissirx illi dawk is-sentenzi ma humiex "ġudikat" vinkolanti u obbligatorju sa kemm ma jiġux hemm varjati jew modifikati*».

[19] ***Clemente Farrugia et vs. L-Avukat Dottor Giuseppe Caruana Mamo pro et noe*** (Prim'Awla, 20/10/1934 – Kollezz. Vol.XXIX.ii.31).
[20] 5/2/1934. Kollezz. Vol.XXVIII.i.519. Ara wkoll id-deċiżjoni ***David Vincent Libreri vs. Anthony sive Twanny Baldacchino*** (Appell Superjuri, 25/1/2023).
[21] Kollezz. Vol.XLIX.ii.1001.
[22] Kollezz. Vol.XLIX.i.31.

48. Għall-kompletezza mbagħad, jiġi wkoll osservat li r-riċevuta ta' ħlas eżebita mill-attriċi u inserita a folio 350 tal-atti proċesswali, in konnessjoni ma' kreditu dovut lis-soċjetà C. Fino & Sons Ltd mill-konvenut u mħallas minnha, ma tinkwadrax ruħha fil-parametri tal-premessi u tat-talbiet dedotti f'din il-kawża, u għalhekk ukoll kull pretensjoni tal-attriċi fir-rigward mhux se tkun qed tiġi kkunsidrata f'din il-kawża.

49. Mill-atti proċesswali jistgħu jiġu rikapitolati kif ġej dawk l-elementi probatorji li l-qorti tqis rilevanti:

- skont l-informazzjoni miżmuma mill-Aġenzija Jobsplus, il-konvenut ilu ma jaħdem u jirreġistra magħhom mit-13 ta' Frar 2012[23]. Mid-dokumenti eżebiti mir-rappreżentant ta' din l-Aġenzija, jirriżulta li fiż-żmien meta ingħatat is-sentenza ta' separazzjoni fit-23 ta' Mejju 1995, il-konvenut kien impjegat bħala lavrant fil-kostruzzjoni ma' Joseph Sultana minn Għawdex[24]. It-terminazzjoni minn dan l-impjieg hija datata 28 ta' Frar 1997. Fis-7 t'April 1997, il-konvenut beda xogħol bħala lavrant mas-soċjetà Polidano Brothers Limited, u żamm dan l-impjieg sas-17 t'April 1998[25]. Fid-19 t'Ottubru 1998, beda jaħdem fl-istess pożizzjoni ma' Carmelo Bugeja, sakemm dak l-impjieg kien terminat fit-22 ta' Jannar 1999[26]. Fl-1 ta' Frar 1999, beda jaħdem ma' Pass Developers Ltd, sakemm ingħata s-sensja fit-23 ta' Marzu 2001. Madanakollu reġgħa ddaħħal għax-xogħol mal-istess soċjetà sakemm ingħata s-sensja fit-2 ta' Mejju 2003[27]. Fis-6 ta' Mejju 2003 beda jaħdem ma' Joseph Portelli sakemm irriżenja fl-10 t'Ottubru 2003[28];
- il-konvenut beda jieħu benefiċċji soċjali minn Frar tas-sena 2004 'l quddiem, konsistenti minn għajnuna soċjali u sussegwentement mill-pensjoni tal-età. Il-konvenut jirċievi wkoll għajnuna medika u għajnuna supplimentari[29]. Ġie

[23] Ara folio 47B, kif ukoll folio 48 u 49.
[24] Dak li l-konvenut irċieva minn dan l-impjieg kienet il-paga minima nazzjonali, skont dak li xehed l-istess Joseph Sultana waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar 2019. Il-konvenut però eżebixxa dokument fiskali li juri li hu kien jitħallas Lm486 għal xahrejn fis-sena 1997 (ara folio 504).
[25] Dak li l-konvenut irċieva minn dan l-impjieg jirriżulta mid-dokumenti eżebiti a folio 313 sa 314, u ċjoè l-ammont ta' Lm2,524.08.
[26] Jirriżulta li bejn id-19 t'Ottubru 1998 sat-22 ta Jannar 1999, il-konvenut daħħal Lm749.50 (ara folio 506 u 511).
[27] Dak li l-konvenut irċieva minn dan l-impjieg tiegħu jirriżulta mid-dokumenti eżebiti a folio 176 sa 180, u jammonta kumplessivament għal Lm13,178.25 (ara wkoll folio 510, 512-515 u 517).
[28] Ara folio 49 sa 52. Skont id-dokument eżebit a folio 516, id-dħul tal-konvenut kien Lm1,599.40.
[29] Ara folio 47D.

eżebit rendikont tal-ammonti kollha perċepiti mill-konvenut mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali[30]. Jirriżulta wkoll li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ddeċieda li għamel ħlas żejjed lill-konvenut fl-ammont ta' €28,474.03, u li l-konvenut huwa obbligat li jirrifondi[31], iżda dawn id-deċiżjonijiet ġew sussegwentement revokati[32], salv għall-ammont ta' €974.11;

- l-attriċi xehdet li mill-ammonti li l-konvenut ġie ordnat iħallasha bis-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995, ma rċeviet xejn ħlief għall-ħlas tas-somma ta' €731.62 li hi rċeviet mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-attriċi tgħid li mhux minnu li l-konvenut ma kienx jaħdem u kien jirreġistra, u li anki fi żmien il-konvivenza tagħhom, huwa kien jaħdem bla ktieb u kien jaqlagħha tajjeb tant li bil-paga tiegħu kienet tgħix il-familja kollha[33];
- jidher li l-konvenut wiret sehem indiviż mill-eredità ta' missieru, u ċjoè nona parti ($^1/_9$) indiviża. Il-wirt ta' missieru kien jikkomprendi nofs indiviż tad-dar bl-isem "Thanks God" bin-numru 68 fi Triq Anici f'Qormi, bil-garaxx anness magħha[34]. Din il-proprjetà inbiegħet b'kuntratt tat-23 ta' Diċembru 1996 u sehem il-konvenut mill-prezz tal-bejgħ kien €4,644.38[35];
- sussegwentement il-konvenut u ħutu għamlu dikjarazzjoni *causa mortis* addizzjonali li fiha jingħad li huwa wiret nona parti indiviża mill-arja fuq kumpless ta' tletin garaxxijiet f'bitħa li tiżbokka f'Valletta Road f'Qormi. Il-valur mogħti lil dan is-sehem indiviż kien ta' €1,035.28[36]. Din l-arja inbiegħet b'kuntratt tat-18 ta' Marzu 2004[37] u sehem il-konvenut mill-prezz kumplessiv kien jammonta għal €2,588.19;
- b'kuntratt tat-22 ta' Lulju 2003[38], il-konvenut u Teresa Attard Flores biegħu immobbli li kienu xtraw b'kuntratt ieħor tat-23 ta' Ġunju 2000, bil-prezz ta' Lm32,000. Il-prezz tal-akkwist kien Lm16,000[39];

---

[30] Ara folio 139A u 139B, kif ukoll dak li jinsab a folio 502.
[31] Ara folio 687.
[32] Ara x-xiehda ta' Saviour Theuma a folio 1312.
[33] Ara x-xiehda tal-attriċi a folio 63.
[34] Ara folio 78.
[35] Ara folio 79.
[36] Ara folio 86 sa 89.
[37] Ara folio 84 u 85.
[38] Ara folio 83.
[39] Ara folio 82.

- b'żewġ kuntratti tal-21 ta' Frar 2011, il-konvenut u Teresa Attard Flores biegħu mezzanin fix-Xewkija f'Għawdex u garaxx fl-istess lokalità bil-prezzijiet ta' €107,151[40] u €20,964[41] rispettivament. Din il-proprjetà jidher li nkisbet minnhom bil-prezz ta' €86,190[42];
- Theresa Attard Flores xehdet bil-mezz tal-affidavit[43] biex tgħid li l-flus li bihom inxtraw l-immobbli minnha u mill-konvenut kienu primarjament tagħha, u li l-konvenut deher fuq il-kuntratti tal-akkwist għaliex parti mill-prezz kellu jitħallas permezz ta' self, li ġie mħallas lura minnha u mill-konvenut flimkien;
- ġew eżebiti wkoll ir-rendikonti bankarji tal-konvenut mas-soċjetà Bank of Valletta plc, minn liema rriżulta li huwa daħħal dan li ġej bħala imgħaxijiet fuq id-depożiti bankarji tiegħu[44]:

i. Lm1,933.47 fis-sena 1999 fuq il-kont numru 115-1254101-7 (fol 214);
ii. Lm27.43 fis-sena 2000 fuq l-istess kont (fol 216);
iii. Lm5.32 fis-sena 2001 fuq l-istess kont (fol 217);
iv. Lm11.07 fis-sena 2002 fuq l-istess kont (fol 218);
v. Lm18.63 fis-sena 2003 fuq l-istess kont (fol 219);
vi. Lm22.04 fis-sena 2004 fuq l-istess kont (fol 220);
vii. Lm30.75 fis-sena 2005 fuq l-istess kont (fol 221);
viii. Lm35.74 fis-sena 2006 fuq l-istess kont (fol 222);
ix. Lm20.58 fis-sena 2007 fuq l-istess kont (fol 223);
x. €8.97 fis-sena 2009 fuq l-istess kont (fol 224);
xi. €7.31 fis-sena 2010 fuq l-istess kont (fol 225);
xii. €4.84 fis-sena 2011 fuq l-istess kont (fol 227);
xiii. €1.25 fis-sena 2012 fuq l-istess kont (fol 229);
xiv. €3.80 fis-sena 2013 fuq l-istess kont (fol 231);
xv. €0.91 fis-sena 2014 fuq l-istess kont (fol 235);
xvi. €0.07 fis-sena 2015 fuq l-istess kont (fol 239);

[40] Ara folio 91 u 367.
[41] Ara folio 92.
[42] Ara folio 90 u 375.
[43] Ara folio 688.
[44] L-ammonti murija huma l-bilanċ wara t-tnaqqis tat-taxxa.

xvii. €0.01 fis-sena 2016 fuq l-istess kont (fol 246);
xviii. €0.01 fis-sena 2017 fuq l-istess kont (fol 254).

- mir-rendikonti bankarji eżebiti mis-soċjetà Bank of Valletta plc, irriżulta wkoll li fil-kont bin-numru 115-1254101-7, intestat f'isem il-konvenut, kienu jsiru ħlasijiet intestati "Swift Navina Investment Lt", kif indikat hawn taħt:

    i. Lm1,296.15 fit-3 t'Awwissu 2006 (fol 222);
    ii. Lm1,293.87 fis-27 ta' Ġunju 2007 (fol 223);
    iii. €2,700.04 fit-8 ta' Lulju 2009 (fol 224);
    iv. €3,392.04 fit-30 ta' Ġunju 2010 (fol 225);
    v. €3,129.91 fl-4 ta' Lulju 2011 (fol 227);
    vi. €3,422.74 fit-28 ta' Ġunju 2012 (fol 228);
    vii. €3,191.13 fl-1 ta' Lulju 2013 (fol 230);
    viii. €28,159.08 fid-9 ta' Diċembru 2013 (fol 231).

- ġew eżebiti wkoll rendikonti bankarji dwar kontijiet li l-konvenut kellu mas-soċjetà HSBC Bank Malta plc, b'dan illi l-imgħax ġenerat li mhux jitqies negliġibbli qed jiġi indikat hawn taħt:

    i. Lm51.89 fis-sena 1998 fuq il-kont numru 544190377 (fol 284);
    ii. Lm30.34 fis-sena 1999 fuq l-istess kont (fol 285);
    iii. Lm12.44 fis-sena 1997 fuq il-kont numru 714151703 (fol 292);
    iv. Lm93.50 fis-sena 1997 fuq il-kont numru 717150988 (fol 295);
    v. Lm127.85 fis-sena 1997 fuq il-kont numru 717136985 (fol 298);
    vi. Lm140.25 fis-sena 1998 fuq l-istess kont (fol 299).

- irriżulta wkoll illi l-konvenut kien jirċievi sussidju mill-Awtorità tad-Djar pagabbli lilu b'rabta ma' kera li hu kien iħallas lil terzi, u li bdiet titħallas lilu mis-sena 2017[45];

[45] Ara x-xiehda ta' Mario Magro mogħtija fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2019, u d-dokument immarkat Dok MM1 li jinsab inserit erronjament bħala l-aħħar folja tal-ewwel volum ta' dawn l-atti proċesswali, kif ukoll id-dokument li qiegħed folio 362.

- dwar ħlasijiet lill-attriċi, Joseph Sultana (wieħed mill-prinċipali tal-konvenut) xehed li hu kien jgħaddi nofs is-salarju tal-konvenut lill-attriċi, f'kont bankarju tagħha wara li kien irċieva struzzjonijiet biex jagħmel dan mill-avukat tagħha[46]. Il-konvenut, mistoqsi x'ħallas skont is-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995, isemmi biss dawk is-sentejn li matulhom kien jaħdem mal-istess Sultana[47]. Il-konvenut jagħti l-ħtija ta' dan lill-attriċi, peress li naqset milli tinforma lill-prinċipali sussegwenti tiegħu bid-dritt li titħallas skont is-sentenza. L-attriċi, waqt il-kontro-eżami tagħha, tgħid li hija ma rċevietx dawn il-ħlasijiet, għalkemm tistqarr li taf min hu Joseph Sultana[48]. Aktar tard waqt l-istess kontro-eżami u waqt ir-ri-eżami tagħha, tgħid li ma tafx jekk irċevietx dawn il-flus jew le[49];
- il-konvenut fl-affidavit tiegħu imbagħad jiċħad li huwa ma ħallasx manteniment għall-ulied, u jsostni li kien iħallas permezz ta' pagamenti magħmula direttament mill-prinċipali tiegħu, inkella minn wirt li kien irċieva permezz ta' pagamenti li saru minn wara dahar l-attriċi. Jgħid li għalkemm għadda ħafna żmien, m'għandux wisq dokumenti biex juri, iżda sab xi ftit f'kexxun, u eżebihom mal-affidavit tiegħu[50] u b'nota aktar 'l quddiem[51]. Theresa Attard Flores ukoll tgħid li hija kienet tmur tiddepożita flus fil-kont tal-attriċi[52];
- ulied il-kontendenti xehdu wkoll bil-mezz tal-affidavit u lkoll qalu li l-konvenut qatt ma tahom xejn.

50. Illi l-attriċi ressqet prospett li permezz tiegħu ikkwantifikat il-pretensjonijiet tagħha f'din il-kawża fl-ammont ta' €105,773.34[53].

51. Illi kif diġà ġie osservat aktar kmieni f'din is-sentenza, jiġi rilevat illi dak li jrid isir f'din il-kawża huwa li jiġi likwidat il-manteniment dovut mill-konvenut lill-attriċi skont is-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995, u ċjoè:

[46] Ara x-xiehda ta' Joseph Sultana mogħtija waqt l-udjenza tal-21 ta' Frar 2019.
[47] Ara folio 389 u 390.
[48] Ara folio 658.
[49] Ara folio 660.
[50] Ara folio 668 sa 685.
[51] Ara folio 1176 sa 1193.
[52] Ara folio 688.
[53] Ara folio 599.

*«…kwart ta' dak kollu li huwa jipperċepixxi mix-xogħol li huwa jista' jagħmel jew minn kwalsiasi fonti oħra u kwart ieħor iħallashom lill-attriċi bħala manteniment dovut għall-ulied minuri peress illi mir-riżultanzi proċesswali jidher li l-konvenut bħalissa m'huwiex qiegħed jaħdem allura għandu jħallas biss (sakemm jibqa' ma jaħdimx) manteniment ta' żewġ liri (Lm2) fil-ġimgħa għall-attriċi personalment u tnax-il lira (Lm12) fil-ġimgħa għall-imsemmija ulied minuri, liema ammonti għandhom jiġu dedotti mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali minn kull ammont li jkun ser jitħallas lilu, u jitħallsu direttament lill-istess attriċi…»*

52. Minn dan il-bran, li jikkostitwixxi effettivament il-*causa petendi* tal-azzjoni odjerna, jistgħu jiġu rikavati s-segwenti prinċipji li magħhom din il-qorti sejra taderixxi ruħha matul l-eżerċizzju ta' likwidazzjoni li sejra tagħmel, u ċjoè:

a) li l-attriċi għandha żewġ krediti kontra l-konvenut, u ċjoè kreditu wieħed għall-manteniment dovut għaliha nnifisha, u kreditu ieħor dovut lilha għall-manteniment tal-ulied;
b) li l-kreditu dovut għall-manteniment tal-ulied ġie estint meta l-istess ulied għalqu l-età ta' tmintax-il sena, konformement mal-qagħda legali prevalenti fiż-żmien li ngħatat is-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995, iżda mhux qabel. Għalhekk huma rrilevanti l-provi li tressqu sabiex jintwera jew ma jintweriex li l-ulied kienu jaħdmu qabel laħqu l-età maġġuri, u x'kienu l-bżonnijiet tagħhom. La s-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 ordnat li jitħallas dan il-manteniment, mela dak il-manteniment hu dovut;
c) li r-rata li biha kellu jħallas il-konvenut kienet tvarja skont jekk il-konvenut kienx qed jaħdem jew le. Jekk il-konvenut kien qed jaħdem, l-ammont pagabbli kellu jkun kwota mid-dħul tiegħu, filwaqt li jekk ma kienx qed jaħdem, l-ammont dovut kien dak fissat speċifikatament fis-sentenza. Hija l-fehma ta' din il-qorti, madanakollu, li l-fatt li l-konvenut seta' f'xi żmien ma kienx qed jaħdem b'mod regolari ma jipprekludiex lill-attriċi milli tipparteċipa mid-dħul tiegħu li seta' għamel minn attivitajiet jew tranżazzjonijiet sporadiċi. Is-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 hija ċara fis-sens li tirriduċi l-obbligu tal-konvenut li jħallas ir-rata ta' Lm14 fil-ġimgħa bħala manteniment biss fil-każ li l-konvenut ma jkunx qed jaħdem, u ċjoè jkun qed

jissussisti biss bl-għajnuna soċjali. Jekk il-konvenut ikollu dħul ieħor, jidħol imbagħad fis-seħħ id-dritt tal-attriċi li jkollha l-kwota infraskritta minn dak id-dħul. Din l-intenzjoni tirriżulta ċar fis-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 mill-fatt li – fejn l-obbligu tal-konvenut hu ridott għas-somma ta' Lm14 fil-ġimgħa – ġie wkoll ordnat li din is-somma tiġi mħallsa direttament mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Dan sar proprju għaliex din il-qorti, kif diversament presjeduta, kienet qed tipprospetta illi f'dak il-każ id-dħul tal-konvenut ikun ġej <u>unikament</u> minn dak id-Dipartiment;

d) li kull pretensjoni tal-attriċi li l-konvenut seta' kellu dħul ieħor li ġie dirottat fuq Theresa Attard Flores sabiex jiġu elużi l-jeddijiet tagħha m'humiex u ma jistgħux jiġu mistħarrġa fil-kawża odjerna, li għandha talbiet u premessi speċifiċi li ma jinkludux pretensjonijiet bħal dawk. Dan *multo magis* meta l-istess Attard Flores m'hijiex parti f'din il-kawża, u għalhekk kull pretensjoni tal-attriċi fir-rigward se tkun qed titħalla impreġudikata;

e) li l-pretensjoni tal-attriċi se tiġi kalkolata sakemm ġiet preżentata din il-kawża, u ċjoè sal-15 ta' Lulju 2016. Billi din il-qorti sabet diġà li l-jedd tal-attriċi għall-manteniment għaliha għadu mhux estint, kull pretensjoni ulterjuri tal-attriċi kontra l-konvenut se tkun qed titħalla impreġudikata.

53. Illi ferm il-premess, u mir-rassenja fuq magħmula tal-provi li huma rilevanti għall-eżerċizzju li jrid isir minn din il-qorti, jirriżulta li l-konvenut kellu dan id-dħul:

I. impjegat ma' Joseph Sultana, fejn kien jaqla' madwar Lm243 fix-xahar. Il-konvenut ħadem ma' Sultana sat-28 ta' Frar 1997, u ċjoè minn wara s-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995, ħadem sena u għaxar xhur. Dan ifisser li d-dħul tiegħu f'dan iż-żmien kien ta' Lm5,346 jew €12,452.83;

II. għax-xahar ta' Marzu 1997, ma jidhirx li ħadem;

III. mis-7 t'April 1997 sas-17 t'April 1998, hu ħadem mas-soċjetà Polidano Brothers Limited, u daħħal Lm2,524.08 jew €5,879.52;

IV. għax-xhur ta' Mejju sa Settembru 1998, ma jirriżultax li ħadem;

V. mid-19 t'Ottubru 1998 sat-22 ta' Jannar 1999, ħadem ma' Carmelo Bugeja u daħħal Lm749.50, jew €1,745.86;

VI. mill-1 ta' Frar 1999 sat-2 ta' Mejju 2003, ħadem mas-soċjetà Pass Developers Limited, fejn daħħal b'kollox Lm13,178.25, jew €30,697.06;

VII. matul dan l-istess perjodu, kien hemm xahar li fih il-konvenut ma ħadimx;

VIII. mis-6 ta' Mejju 2003 sal-10 t'Ottubru 2003, ħadem ma' Joseph Portelli, u daħħal Lm1,599.40, jew €3,725.60;

IX. ma jirriżultax mill-atti li l-konvenut ħadem sakemm infetħet din il-kawża, u ċjoè kważi tlettax-il sena wara;

X. b'żieda ma' dan, jirriżulta li l-konvenut kellu dħul minn fonti oħrajn, u ċjoè s-segwenti:

- €4,644.38 bħala sehmu mill-bejgħ tal-fond numru 68, fi Triq Anici, Qormi b'kuntratt tat-23 ta' Diċembru 1996;
- €2,588.19 minn bejgħ t'arja f'Valletta Road, Qormi li saret b'kuntratt tat-18 ta' Marzu 2004;
- Lm8,000, jew €18,634.99, li huwa sehem il-konvenut mill-qligħ ġenerat mill-bejgħ ta' mmobbli b'kuntratt tat-22 ta' Lulju 2003;
- €19,454, li huwa sehem il-konvenut mill-profitt ġenerat mill-bejgħ tal-maisonette fix-Xewkija f'Għawdex u garaxx fl-istess lokalità bil-prezzijiet ta' €107,151[54] u €20,964[55] rispettivament. Din il-proprjetà jidher li nkisbet minnhom bil-prezz ta' €86,190[56] u mill-qligħ tnaqqas ukoll il-boll inkors biex tinkiseb il-proprjetà;
- l-ammont ta' €4,930.57 bħala imgħaxijiet fuq il-kont numru 115-1254101-7;
- l-ammont ta' €50,028.06, riċevuti mill-konvenut fil-kont bin-numru 115-1254101-7 mal-Bank of Valletta plc minn "Swift Navina Investment Lt", li dwarhom ebda spjegazzjoni ma ġiet offruta mill-konvenut;
- l-ammont ta' €1,062.82 li huma imgħaxijiet ġenerati minn depożiti bankarji li l-konvenut kellu f'diversi kontijiet mas-soċjetà HSBC Bank Malta plc.

54. Illi l-qorti mhux se tqis l-ammonti riċevuti mill-konvenut mingħand l-Awtorità tad-Djar, billi dawn il-pagamenti kienu sussidji, u għalhekk rimborż t'ammonti li ostensibbilment ġew minfuqa mill-konvenut, u mhux "dħul" fis-sens proprju tal-kelma.

55. Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li ulied il-kontendenti għalqu l-età ta' tmintax-il sena fil-25 ta' Novembru 1998, fl-24 ta' Settembru 2000 u fit-23 ta' Mejju 1996. L-ammont

[54] Ara folio 91 u 367.
[55] Ara folio 92.
[56] Ara folio 90 u 375.

akkordat bħala manteniment pagabbli lill-attriċi għalihom għandu jiġi ridott *pro rata* hekk kif kull wild għalqet l-età maġġuri.

56. Mill-premess allura jsegwi li, għaliha nnifisha, l-attriċi kien imissha l-manteniment kif ġej:

- Dħul kumplessiv minn xogħol u fonti oħra: €101,343.01
  Kwart: €25,335.75
- Żmien li fih il-konvenut ma ħadimx sakemm infetħet il-kawża (684 ġimgħat)
  684 x €4.66 = €3,187.44

57. Fir-rigward tal-ulied, is-somom li għamlet il-qorti huma s-segwenti:

Ottilie Micallef
- Dħul tal-konvenut sat-23 ta' Mejju 1996 (meta għalqet tmintax-il sena): €6,792.45
  Terz ta' kwart: €566

Luana Micallef
- Dħul tal-konvenut sal-24 ta' Settembru 2000 (meta għalqet tmintax-il sena): €43,869.43[57]
  Terz ta' kwart: €3,655.78
- Matul l-istess perjodu, l-konvenut ma ħadimx għal sitt xhur, jew 24 ġimgħa, u ċjoè Lm4 jew €9.32 x 24 = €223.68

Jovanca Micallef
- Dħul tal-konvenut sal-25 ta' Novembru 1998 (meta għalqet tmintax-il sena): €24,039.55
  Terz ta' kwart: €2,003.30
- Matul l-istess perjodu, l-konvenut ma ħadimx għal sitt xhur, jew 24 ġimgħa, u ċjoè Lm4 jew €9.32 x 24 = €223.68

[57] L-ammont imħallas minn Pass Developers Ltd qed jitqies mhux dħul ta' ... 

58. Ill b'żieda ma' dan, din il-qorti eżaminat mill-ġdid id-depożiti bankarji relattivi għall-kontijiet bankarji li l-konvenut kellu mas-soċjetà Bank of Valletta plc. Mid-depożiti magħmula minnu, jidher inkonsistenti mal-istat ekonomiku muri mill-konvenut fiż-żmien rilevanti d-depożitu ta' Lm10,000 fit-23 ta' Lulju 2003 (folio 219). Fuq dan l-ammont, il-qorti jidhrilha li wkoll għandha tillikwida ammont spettanti lill-attriċi, billi fuq bilanċ ta' probabbiltà dan jikkostitwixxi dħul. Billi d-depożitu sar fis-sena 2003, u ċjoè wara li wlied il-kontendenti għalqu l-età maġġuri, l-attriċi se tiġi akkordata kwart biss minn dak l-ammont.

59. Illi meta wieħed jgħodd dawn l-ammonti kollha flimkien, iġib l-ammont totali ta' €41,019.06. Dan huwa differenti ferm mill-ammont li l-attriċi ndikat bħala pretiż minnha fil-prospett li ġie preżentat minnha f'dawn l-atti.

60. Illi fir-rigward ta' dan il-prospett, din il-qorti tinnota dan li ġej: (i) min ħejja l-istess prospett ma ġiex prodott biex jixhed f'din il-kawża; (ii) min ħejja l-prospett iddikjara permezz ta' proviso fil-prospett stess li b'ebda mod ma kien qed jikkonferma d-dħul tal-konvenut, u li ma setax jeskludi li xi ammonti ġew meqjusa doppjament[58]; (iii) fl-istess prospett jidher li ġew magħduda l-ħlasijiet magħmula mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Dan hu żbaljat, billi s-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 kjarament tgħid li fejn il-konvenut mhux jaħdem, il-manteniment ikun pagabbli fl-ammont ta' Lm2 fil-ġimgħa għall-attriċi, u Lm4 fil-ġimgħa għal kull wild, u l-attriċi qatt ma ngħatat kwota mill-benefiċċji soċjali li jmissu lill-konvenut; (iv) ġew ikkunsidrati wkoll l-ammonti mill-Awtorità tad-Djar, li din il-qorti skartat; (v) ġew ukoll meqjusa d-depożiti bankarji kollha li saru minn żmien għal żmien mill-konvenut, bil-konsegwenza li mingħajr ebda dubju ta' xejn, ċertu dħul tal-konvenut ġie meqjus għal darbtejn b'konsegwenzi li żgur qatt ma kienu maħsuba fis-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995.

61. Illi kollox meqjus, il-provi prodotti f'dawn l-atti jissuffragaw il-komputazzjonijiet magħmula f'din is-sentenza. Għalkemm din il-qorti taqbel ma' wħud mis-sottomissjonijiet magħmula mill-attriċi dwar in-nuqqas t'affidabilità tal-konvenut (kif ukoll ta' Theresa Attard Flores), jibqa' l-fatt li l-kalkolazzjoni dwar id-dħul tal-konvenut

[58] Ara folio 599.

trid tkun radikata fuq il-provi li jirriżultaw dwar dak id-dħul, u l-qorti ma tistax tippreżumi dħul ieħor fl-assenza ta' provi.

62. Illi l-qorti ma naqset ebda ammont li l-konvenut jgħid li huwa se jiġi mġiegħel iħallas lura mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, għall-istess raġuni li minħabba fiha ma qisitx li l-attriċi għandha kwota mill-istess ammonti. La darba s-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 akkordat lill-attriċi kwota mid-dħul tal-konvenut meta dan ikun qed jaħdem, filwaqt li għaż-żmien li fih il-konvenut ikun qed jgħix bil-benefiċċji soċjali, ordnat li l-manteniment jitħallas f'ammont fiss, isegwi li jekk il-konvenut tħallas indebitament xi ammont mill-istess Dipartiment, dan huwa rrilevanti għal dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-attriċi kif naxxenti mill-istess sentenza.

63. Illi issa li ġie stabbilit l-ammont dovut lill-attriċi, jonqos biss li jiġi kkunsidrat jekk għandux isir xi tnaqqis minħabba ħlasijiet riċevuti mill-attriċi.

64. Illi l-attriċi tgħid li, fl-assenza tal-ħlas puntwali da parti tal-konvenut, hija rċeviet xi ħlas minflok mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-ammont hekk imħallas lilha però m'għandux jitnaqqas minn dak dovut mill-konvenut. F'dan is-sens, issir riferenza għad-deċiżjoni ***Helen Bezzina vs. Carmelo sive Charles Bezzina*** (Appell Superjuri, 16/12/2003).

65. Min-naħa l-oħra, l-konvenut isostni li għamel ħlasijiet ta' manteniment lill-attriċi, li xi wħud minnhom biss jinsabu evidenzjati b'riċevuti li sab "f'kexxun". Din il-qorti mhux se tqis ħlasijiet li saru qabel is-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995, billi dak li qed jiġi likwidat huwa dak dovut mill-konvenut wara u skont l-istess sentenza. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi donnha tirrikonoxxi li l-ammont indikat fl-irċevuti eżebiti mill-konvenut hu l-uniku ħlas li rċeviet – fil-fatt tissottometti «*... dak li ġie prodott huwa biss dak li l-esponenti irċeviet...*», u tiċħad li rċeviet aktar minn dak li dwaru l-konvenut ipproduċa xi rċevuta. Għalhekk, il-qorti qed tqis li l-ammont ta' €1,740.57, jew Lm747.23, huwa mħallas u għalhekk se jitnaqqas mill-ammont likwidat favur l-attriċi. Mill-bqija, huwa risaput li min jeċċepixxi l-ħlas għandu l-oneru li jipprovah. Il-konvenut ma ġab ebda prova biex isostni dawn il-ħlasijiet, u anzi meta xehed in eżami mill-attriċi, lanqas biss semma li għamel ħlasijiet oħrajn apparti dawk magħmula mill-prinċipal tiegħu Sultana. Kien biss meta xehed bl-affidavit li qal li

għamel aktar ħlasijiet, li prova tagħhom però baqgħet ma tressqitx kif imiss skont il-liġi.

66. Għalhekk l-ammont kumplessiv dovut lill-attriċi huwa ta' €39,278.49.

67. Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq spjegati, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza tagħha;

(ii) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni;

(iii) tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

(iv) tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet tal-attriċi billi tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi sal-bidu tal-ftuħ ta' din il-kawża bħala manteniment skont is-sentenza mogħtija fit-23 ta' Mejju 1995 fis-somma ta' disgħa u tletin elf mitejn u tmienja u sebgħin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€39,278.49);

(v) tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €39,278.49, bl-imgħax legali dekorribbli millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

(vi) tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża, kompriżi dawk tal-mandat t'inibizzjoni bin-numru 720/2016 LM, billi kien in-nuqqas tal-konvenut li jottempora ruħu mal-obbligazzjonijiet imposti fuqu permezz tas-sentenza tat-23 ta' Mejju 1995 li ħoloq il-bżonn ta' dawn il-proċeduri.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur